

## Proċessar Awtomatiku - Malta

### LISTA TAL- KONTENUT

- 1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?
- 2 Jekk proċedura bħal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?
- 3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?
- 4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?
- 5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?
- 6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?
- 7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?
- 8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdew permezz tal-internet?
- 9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?
- 10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?
- 11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?
- 12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?
- 13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?
- 14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?
- 15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?
- 16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?
- 17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?



#### 1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva tista', b'dan pero, jiddependi quddiem liema qorti/tribunal ser jinbdew il-proċeduri.

#### 2 Jekk proċedura bħal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Il-proċeduri li jistgħu jinbdew permezz ta' applikazzjoni bl-internet huma is-segwenti:

- Proċeduri quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar;
- Proċeduri quddiem Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva; u

- Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha.

Ma hemmx proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet.

### **3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?**

Din il-faċilita' hija disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, pero t-talba/rikors, tiġi pproċessata fil-ħinijiet ta' ftuħ tal-Qorti jiġifieri mid-9am sat- 3pm (mill-1 t'Ottubru sal-15 ta' Ġunju) u mit-8am sal-12pm (mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru). Jekk it-talba/rikors tkun ġiet ippreżentata barra dawn il-ħinijiet, din tiġi meqjusa bħala preżentata fil-ġurnata tax-xogħol sussegwenti fil-ħinijiet hawn fuq imsemmija.

### **4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?**

F'każ ta' Talba fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar din issir billi timtela' l-formola apposita li tinsab onlajn u fiha jimtlew id-dettalji kollha rikjesti sabiex tiġi sottomessa għall-ipproċessar.

F'każ ta' Rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha, l-ewwel iridu jimtlew id-dettalji kif rikjest mill-eform u sussegwentement irid jiġi anness kopja skenjata tar-rikors fil-format kif provdut fil-Liġi flimkien mad-dokumenti, jekk ikun hemm.

### **5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?**

It-trasferiment tad-dejta ssir b'mod *encrypted* u ż-żamma tagħha huwa regolat mill-politika tal-Gvern.

### **6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?**

Biex tibda talba quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, mhux meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika. Pero' fir-rigward tar-risposta, risposta għall-kontro talba, u l-appell quddiem dan it-Tribunal, din tiġi ffirmata b'mod elettroniku awtomatiku peress li wieħed irid jillogja bl-e-id tiegħu.

Fil-każ ta' kawża quddiem it-Tribunal Reviżjoni Amministrattiva u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha, din tiġi ffirmata b'mod elettroniku awtomatiku peress illi dan huwa servizz offrut biss lill-avukati u lill-prokuraturi legali wara li jkunu rreġistraw għal tali servizz permezz tal-e-id.

Fir-rigward tal-ħin, hekk kif it-talba/rikors jiġu sottomessi jiġi ġenerat il-ħin u d-data tas-sottomissjoni b'mod awtomatiku.

### **7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?**

Iva, it-tariffi relatati mall-att li jkun ġie ppreżenta onlajn, jitħallas onlajn ukoll. It-tariffi huma l-istess ħlas daqs li kieku qed jiġu ppreżentati mhux elettroniċament.

### **8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbew permezz tal-internet?**

Din ma tistgħax ssir onlajn, iżda l-persuna tkun trid tiġi personalment biex iċċedi l-kawża fir-reġistru tal-Qorti.

### **9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?**

Fil-każ ta' proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha, is-servizz provdut għall-onlajn huwa biss biex tinbeda l-proċedura. S'issa għadu mhux possibbli li wieħed jirrispondi dawn it-tip ta' proċeduri permezz tal-internet.

Fil-każ ta' proċeduri quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, appart biex tinbeda il-kawża wieħed jista' wkoll jippreżenta r-risposta, ir-risposta għall-kontro talba u l-appell onlajn.

M'huwiex obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet.

### **10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?**

Indipendentement milli jekk ikunx hemm risposta għat-talba jew le, il-kawża tiġi appuntata għas-smiġħ.

### **11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?**

Indipendentement milli jekk ikunx hemm risposta għat-talba jew le, u la darba jkun għalaq iż-żmien għal dik ir-risposta l-kawża tiġi appuntata għas-smiġ.

**12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?**

Huwa possibbli li jitressqu d-dokumenti b'mod elettroniku meta dawn jiġu ppreżentati flimkien mat-talba oriġinali li tkun qed issir b'mod elettroniku wkoll.

**13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?**

Skont il-liġi Maltija, m'hijiex meħtieġa notifika ta' sentenzi.

**14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?**

Kull sentenza preliminari jew finali tinqara fil-miftuħ mill-Qorti u kopja tagħha tingħata lill-partijiet jew r-rappreżentant legali li jkun preżenti għas-seduta, iżda wieħed jista' jikseb kopja tas-sentenza b'mod elettroniku kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel.

**15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?**

Appell permezz tal-internet huwa biss possibbli fil-każ t'Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, pero s-sentenza ma tistgħax tiġi nnotifikata permezz tal-internet.

**16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?**

Dan m'huwiex possibli.

**17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?**

Is-sit elettroniku [Justice Services](#) jipprovdi servizz ta' deċiżjonijiet onlajn li huma aċċessibli mingħajr flus mir-rappreżentanti legali kif ukoll mill-pubbliku in ġenerali.

Apparti minn dan is-sit, il-professionisti legali jistgħu jabbonaw permezz tal-e-id tagħhom, għas-servizz li jgħib l-isem ta' eCourts fis-sit <http://ecourts.gov.mt/onlineservices> fejn hawn hekk għandhom aċċess għall-każijiet, atti ġudizzjarji u mandati

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 12/03/2018